MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2265/2000/1

**Ronald NAUDI bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Giocanti S.A.**

**vs**

**UNISPEED SHIPPING AND FORWARDING LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 t'Ottubru, 2000, li bih l-attur *nomine* ippremetta:

1. Illi s-soċjeta' konvenuta ħadet is-servizzi tas-soċjeta' attriċi fil-ġarr tal-merkanzija lejn Malta u l-istess soċjeta' attriċi għadha kreditur tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' FF 19683.03, stante li s-soċjeta' konvenuta kienet għamlet diversi pagamenti akkont u s-somma fuq indikata hija s-somma riżultanti li għad hemm pendenti

bejn il-kontendneti għalkemm mitluba tħallas baqgħet inadempjenti;

2. Illi f'inkontru reċenti li sar bejn il-kontendenti, fil-presenza tal-avukati tal-partijiet, ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta aċċetta li jekk jirriżulta li xi pagament għadu dovut dan jiġi effettwat, pero' hu kkontesta li xi ammont hu dovut;

3. Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex: (1) tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta thallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ekwivalenti f'liri maltin għas-somma ta' FF 19683.03 dovuta bħala bilanċ għall-servizzi minnha resi fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta – kollox skond kif intqal fuq u għar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imgħax legali tat-8% sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa tibqa' inġunta għas-subizzjoni tagħha;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*;

Rat in-Nota mressqa fid-29 ta' Jannar, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-attur Ronald Naudi għandu jiprova l- mandat tiegħu;

2. Illi fit-tieni lok l-azzjoni attriċi hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2147(d) tal-Kap. 16;

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju għas-suespost is-soċjeta' eċċipjenti ma għandhiex tagħti lis-soċjeta' attriċi l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għall-kuntrarju mill-kotba tal-eċċipjenti jirriżulta illi hi kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm905.41. Per konsegwenza id-domandi attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess soċjeta' attrici;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta' Frar, 2001, fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jilħqu ftehim barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 t'April, 2001, fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet ma waslux għal ftehim barra l-Qorti u ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, u tal-10 t'April, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' servizzi mogħtija mill-kumpannija attriċi lill-kumpannija mħarrka, li tagħhom din baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ lill-kumpannija attriċi;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi (a) talbet prova tal-mandat li l-attur *nomine* ngħata biex jidher għall-kumpannija attriċi; (b) li l-azzjoni attriċi waqgħet għax għadda ż-żmien li fih messha saret; u (ċ) li l-kumpannija mħarrka mhux talli m'għandhiex tagħti, imma għandha tieħu mingħand il-kumpannija attriċi;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi bħala fatt, m'huwiex kontestat li l-kumpannija mħarrka kienet qabbdet lill-kumpannija barranija attriċi biex tagħtiha servizzi konsistenti f'ġarr ta' merkanzija lejn Malta. Lanqas m'huwa kontestat li dawn is-servizzi ngħataw fuq medda ta' żmien u li l-kumpannija wettqet ħlasijiet dwarhom matul iż-żmien. Dak li l-partijiet m'humiex miftehmin dwaru huwa jekk l-imsemmija servizzi humiex imħallsin kollha jew jekk il-kumpannija attriċi għandhiex tieħu xi bilanċ;

Illi l-kumpannija mħarrka ssejjes l-eċċezzjoni tagħha taħt eżami fuq l-artikolu 2147(d) tal-Kap 16, li jippreskrivi żmien ta' sena għal azzjonijiet tal-vettural għall-ħlas tal-kirjiet jew pagi tiegħu. Jirriżulta mix-xhieda mressqa li s-servizzi li tagħhom l-attur *nomine* qiegħed jitlob il-ħlas kienu jikkonsistu sewwasew

Illi l-kumpannija mħarrka tibni l-każ tagħha dwar l-eċċezzjoni tagħha kollu fuq żewġ fatturi ewlenin: fl-ewwel lok, li qatt ma ntbagħtitilha interpellazzjoni uffiċjali għall-ħlas qabel infetħet il-kawża, u fit-tieni lok, li hi qatt ma stqarret li kienet debitriċi tal-attur *nomine*. Dwar l-ewwel argument, jaqbel saħansitra l-attur *nomine* li dan il-fatt stqarru fil-verbal tas-smigħ tat-3 t'Ottubru, 2001[1]. L-attur *nomine* madankollu jisħaq li, għall-kuntrarju ta' dak allegat, il-kumpannija mħarrka, permezz ta' wieħed mid-diretturi tagħha, stqarret li għandha tagħti lill-kumpannija attriċi;

Illi ladarba hemm qbil li l-ebda att ġudizzjarju ma ntbagħat lill-kumpannija mħarrka qabel tressqet din il-kawża[2], jidher li l-attur *nomine* qiegħed jipprova jxejjen l-eċċezzjoni mressqa kontrih fuq dak li jiddisponi l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar l-għarfien tal-jedd min-naħa tad-debitur. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv[3], u għalhekk il-każ fejn l-

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess u kif ukoll mix-xhieda in kontro-eżami tal-avukat tal-kumpannija attriċi tat-3.10.2001, f'paġ. 23

[2] Art. 2128 tal-Kap 16

[3] P.A. **10.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia pro et noe vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.606**)

għarfien tal-jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress jew miktub;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami irid jingħad li, ladarba ż-żmien preskrittiv jiġi ippruvat, il-piż tal-prova li dak iż-żmien ġie miksur jaqa' fuq il-parti attriċi[4]. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-każ huwa li tqis jekk il-preskrizzjoni mqanqla mill-kumpannija mħarrka hijiex dik li tapplika għall-każ, u jekk dan jirriżulta minnu, li tqis jekk seħħx tassew ksur taż-żmien jew rinunzja għalih b'għamil l-istess kumpannija mħarrka;

Illi jirriżulta li l-ħlas li qegħda tippretendi l-kumpannija attriċi huwa ħlas imnissel minn servizzi għal ġarr ta' merkanzija bil-baħar minn barra minn Malta għall-benefiċċju tal-kumpannija mħarrka. L-artikolu li fuqu qegħda tinbena l-eċċezzjoni taħt eżami jitkellem dwar vetturali bl-art jew bil-baħar. F'dan il-każ, il-ġarr tal-merkanzija seħħ bil-baħar. Imma meta wieħed iqis li dak l-artikolu jintrabat mal-artikoli 1628 sa 1631 tal-istess Kodiċi Ċivili u jara xi tgħid il-liġi f'dak li jirrigwarda l-ġarr bil-baħar, wieħed isib li l-liġi tirreferi biss għall-ġarr bil-baħar b'opra jew dgħajsa fil-limiti ta' Malta, jiġifieri jew ġarr minn ġżira għal oħra jew ġarr min-naħa għal oħra tal-istess ġżira. Tali riżerva toħroġ ukoll fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att XI tal-1954[5];

Illi l-Qorti tifhem li r-regoli tal-preskrizzjoni, sewwasew minħabba n-natura tagħhom u l-effett li jġibu magħhom fuq l-azzjoni attriċi, għandhom jingħataw tifsira ristretta u ma jitwessgħux b'analoġija jew implikazzjoni[6]. Il-Qorti tifhem ukoll li l-ebda waħda mill-partijiet (l-iżjed l-attur *nomine* li l-aktar li kellu interess li jxejjen l-eċċezzjoni) ma qanqlu l-ebda sottomissjoni dwar l-applikabilita' tal-artikolu preskrittiv invokat mill-kumpannija mħarrka għall-fatti tal-każ. Min-naħa l-oħra, minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża u mill-provi li tressqu s'issa, l-ebda waħda mill-azzjonijiet li

---

[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **30.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.133**), u App. Kumm. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Paċe vs Fredu Fenech*** (mhix pubblikata)

[5] Kap 140 tal-Liġijiet ta' Malta

[6] App. Ċiv. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe vs Francis Vella noe***

għalihom jirreferi l-artikolu 2147(d) ma taqa' taħt il-parametri tal-ħlas mitlub mill-attur *nomine*, li l-pretensjonijiet tiegħu jissejsu fuq pretensjoni ta' servizzi (ta' ġarr) mogħtija u mhux ħlas ta' kera ("*hire*") jew paga ("*wages*"). Minbarra dan, huwa evidenti wkoll li l-kumpannija attriċi ma tista' bl-ebda mod titqies bħala vettural kif imfisser fl-imsemmija artikoli tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti jkollha ssib li għall-pretensjoni mressqa mill-attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni tiegħu, ma tapplikax il-preskrizzjoni partikolari mqanqla mill-kumpannija mħarrka, imma, jekk stess, żmien ieħor[7];

Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "*tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*"[8];

Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;

Illi ladarba l-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-preskrizzjoni invokata mill-kumpannija mħarrka ma tapplikax għall-każ, lanqas huwa meħtieġ li wieħed jidħol fi proċess biex iqis u jistħarreġ jekk l-istess żmien ta' preskrizzjoni nkisirx jew jekk ġiex rinunzjat bl-imġieba tal-kumpannija mħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[7] Ara, per eżempju, Kumm.**9.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima noe vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.739**)
[8] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)

**Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** mqanqla mill-kumpannija mħarrka, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi l-artikolu li fuqha hija msejsa ma japplikax għall-każ; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------